A.L. 48 ta' l-1981

ORDINANZA TA' L-1962 DWAR IL-ĦADDIEMA TAL-PORT (ORDINANZA NRU. XIV TA' L-1962)

Ordni ta' l-1981 li jemenda l-Ordni dwar Deċiżjonijiet relattivi għax-Xogħol tal-Port

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar il-Ħaddiema tal-Port, il-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekommunikazzjonijiet, għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1981 li jemenda l-Ordni dwar Deċiżjonijiet relattivi għax-Xogħol tal-Port, u għandu jinqara tiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1966 dwar Deċiżjonijiet relattivi għax-Xogħol tal-Port, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

A.L. 46 ta' l-1966

Jemenda ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

2. Il-paragrafu 5 tar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) wara l-partita (ħ) tas-sub-paragrafu (3) tiegħu għandu jiżdied dan li ġej:

"(i) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, dwar ħaddiema tal-port —

(1) meta merkanzija tkun se tiġi mgħobbija fuq bastiment ittrakkat ma' moll għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) meta t-tagħbija ta' merkanzija fuq bastiment ittrakkat mal-moll issir wara l-ħatt ta' merkanzija fl-istess ġurnata, il-ħaddiema tal-port impjegati fil-ħatt ta' merkanzija jinżammu sabiex jgħabbu l-merkanzija meta dik il-merkanzija ma tkunx iżjed minn 50 tunnellata piż/kejl u/jew 80 kartell vojt u/jew 250 tank vojt li jesgħa 40 gallun jew iżjed;

(b) meta t-tagħbija ta' merkanzija fuq bastiment ittrakkat ma' moll tkun iżjed minn 50 tunnellata piż/kejl, il-ħaddiema tal-port ikunu allokati mir-*roster* ġenerali;

(2) għat-tagħbija ta' merkanzija għal fuq braken u għat-tagħbija ta' merkanzija għal fuq bastiment li jgħabbi direttament minn fuq moll u minn fuq braken, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) meta t-tgħabija ta' merkanzija għal fuq braken tkun inqas minn 100 tunnellata piż, il-ħaddiema tal-port ikunu allokati minn *roster* invers;

(b) meta t-tagħbija ta' merkanzija għal fuq braken (barra minn basal u patata) tkun iżjed minn 100 tunnellata piż, il-ħaddiema tal-port ikunu allokati mir-*roster* ġenerali.";

(b) wara s-sub-paragrafu (3) tiegħu għandu jiżdied is-sub-paragrafu ġdid li ġej:—

"(3A) Meta bastiment li jkun ittrakka mal-moll jgħabbi direttament mill-moll u minn fuq braken fl-istess ġurnata u l-merkanzija li tkun se titgħabba direttament mill-moll tkun iżjed minn 50 tunnellata piż/kejl u l-merkanzija li tkun se titgħabba minn fuq braken tkun iżjed minn 100 tunnellata piż il-ħaddiema tal-port li jingħataw l-ewwel ikunu dawk allokati biex jgħabbu direttament mill-moll, it-tieni ikunu dawk allokati biex jgħabbu minn fuq braken u t-tielet dawk il-ħaddiema tal-port allokati li jaħdmu mal-ġenb tal-bastiment minn fuq braken.".